# Platt Minestra Tajjeb Minn Dar Żerniq

**Artiklu miktub minn Doris Azzopardi**

**Ippublikat fuq il-Mument**

Ilqajt bi pjaċir l-istedina għall-ikel minn Dar Żerniq wara li wrejt ix-xewqa li nikteb xi ħaġa dwar dan il-programm għal persuni bi problema ta' l-alkoħol, fi ħdan l-Aġenzija sedqa, mmexxi minn Richard Piscopo . Sedqa hija waħda mill-aġenziji fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali.

Dar Żerniq skoprejt li hu post akkoljenti ħafna u mmexxi minn nies mill-aktar professjonali f'xogħolhom. Dan il-post jilqa' fi ħdanu persuni li jkunu jixtiequ jagħmlu xi ħaġa bis-serjetà biex joħorġu mill-problema ta' l-alkoħol. Kif dħalt, fil-fetħa qabel ma tidħol fid-dar fejn hemm ġardina  ħelwa, sibt lit-tliet nisa residenti li fil-ħin liberu tagħhom kienu qed jaħdmu t-*tapestry* u r-rakknu. Tkellimt ftit magħhom u barra li skoprejt xi ħaġa ġdida dwar it-*tapestry,* li tant inħobb, ingħatajt il-permess minn Richard li meta jkolli ftit ċans immur Dar Żerniq bit-*tapestry* tiegħi li ili li bdejt sentejn u għadni ma spiċċjatx, biex ir-residenti jagħtuni ftit pariri siewja. Tajt titwila fil-ġnien fejn jitkabbar ftit ħaxix, fosthom patata, u oħra fil-kċina fejn tnejn mir-residenti kienu qed iħejju l-ikel. Intant sakemm sar ħin l-ikel tkellimt ftit ma' Richard dwar il-funzjoni ta' dan il-post li għandu missjoni speċifika u tant u tant bżonjuża...

"L-aktar ħaġa importanti hi li persuna li jkollha l-problema tax-xorb jew xi ħadd fil-qrib tagħha jagħmlu kuntatt. Is-servizzi ta' l-Aġenzija sedqa huma estiżi ħafna u jilħqu mhux biss lill-persuna bi problema ta¹ l-alkoħol iżda wkoll lil dawk ta' madwarha. L-ewwel pass hu dak li persuna tammetti li għandha problema. Pass xejn faċli iżda neċessarju biex jibda l-proċess ta' fejqan. "

"Bosta jiċħdu li tassew għandhom problema u jakkużaw lil dawk ta' madwarhom li qed jgħaġġbuha u li mhux tassew għandhom problema. Hawn hu fejn sedqa tidħol biex tgħin lil dawk qrib il-persuna bil-problema. Nippruvaw nagħtu ċerti *skills* biex dawk qrib persuna bi problema ta' l-alkoħol ikunu jafu kif għandhom iġibu ruħhom magħha."

"Hi sitwazzjoni diffiċli ħafna meta jkollok mara li qed tabbuża mill-alkoħol. Sitwazzjoni fejn it-tfal imorru l-iskola u moħħhom ikun f'ommhom u la jafu jekk waqgħetx it-taraġ, ħarqitx kulma hemm jew jekk ġarax xi ħaġa. Dan kollu joħloq stress kbir fit-tfal. Għalhekk jekk iċempel ir-raġel nistidnuh jiġi għal xi sessjonijiet u wara aħna nippruvaw nagħmlu kuntatt mal-persuna bil-problema. "

Din iċ-ċirkostanza diġà toffri soljiev għax il-persuni li jgħixu madwar persuna bi problema tax-xorb ma jibqgħux iħossuhom waħidhom u iżolati. Richard spjegali kemm persuna taħt l-effett tax-xorb tista' tinbidel u kemm l-effetti tax-xorb ivarjaw minn persuna għal oħra.

Intant l-*Alcohol Community Team* ta' l-Aġenzija jagħmel kuntatt mal-persuna bi problema. "Kif jirnexxilna nġibu lill-persuna għall-għajnuna nibdew naraw x'għandha bżonn. Nibdew l-*assessment*. Jista' jkun li l-persuna tkun għaddejja minn żmien ta' abbuż jew li l-persuna hi dipendenti mix-xorb. Mill-*assessment* jiddependi s-servizz li se noffrulha skond il-pjan ta' kura li jitfassal. Jista' jkun li l-persuna jkollha bżonn sessjonijiet individwali jew ma' xi grupp li jkun għaddej filgħodu jew filgħaxija, skond id-disponibbiltà tal-persuna. Jekk il-persuna, eżempju, ikollha ħafna ħin filgħodu waħidha iżda filgħaxija għandha ħafna sapport mill-familja allura nfasslu programm fejn filgħodu tiġi Żerniq.

"Dan hu adattat ħafna għal omm li ma taħdimx barra mid-dar. Nippruvaw ngħinuha tgħix ħajja mingħajr xorb biex il-membri tal-familja jerġgħu jarawha f'din il-lenti u jerġgħu jgawdiuha u jsibu l-omm li kellhom qabel u tissaħħaħ din ir-rabta u l-istima. Dan ovvjament jgħodd ukoll meta l-persuna bil-problema tkun il-missier. "

L-aktar punt b'saħħtu tas-servizzi li toffri ***sedqa*** fir-rigward ta' persuni li jaċċessaw is-servizzi hi li dawn jvarjaw ħafna skond in-neċessità tal-persuna. Il-programmi huma mfasslin speċifikament għall-persuna li tkun.

Dar Żerniq toffri wkoll programm residenzjali għal dawk il-persuni li sfortunatament jekk ma jinqalgħux mill-ambjent tagħhom għal perjodu ta' żmien diffiċli li jsolvu l-problema. "F'dan il-programm isir xogħol aktar intensiv. Dar Żerniq hi dar fuq sular wieħed apposta biex jinħoloq aktar ambjent ta' komunità u jkun hemm aktar kuntatt. "

Programm residenzjali f'Dar Żerniq mhux wieħed li fih persuna tagħmel sena magħluqa ġewwa mingħajr ma tkun tista[1] toħroġ. [3]Wara li jien niltaqa' mal-*key worker* mill-*Alcohol Community Team* ta' sedqa li jkun għamel l-ewwel kuntatt, niltaqa' mal-klijent u nagħmel l-*assessment.* Nipprova nħares lejn il-persuna minn tliet angoli il-bżonn mediku, il-bżonn psikoloġiku u l-bżonnijiet soċjali. "

Richard spjegali kif f'każi ta' persuni li jaħdmu, il-problema ta' l-alkoħol teffettwa anke l-post tax-xogħol. Dan b'mod partikolari jekk ikun qed jagħmel il-programm residenzjali. "Jien nipprova nagħmel l-aħjar li nista' biex il-klijent ma jitlifx ix-xogħol jingħata ċans ieħor. Wara kollox ikun aktar konvenjenti li jingħata ċans ieħor għax trid investiment akbar biex terġa' tħarreġ persuna fix-xogħol milli titlef l-esperjenza li jista' jkollha dik il-persuna. "

"99% ma' l-*employer* dejjem nirranġa u għalhekk il-klijent ikun jista' jibda l-programm. L-ewwel fażi ħafna drabi tkun f'dik li tissejjaħ Dar l-Impenn. Dan hu programm ta' diżintossikazzjoni, li huwa servizz ieħor mogħti mill-Aġenzija sedqa. Hemm il-persuna tkun tista' titnaddaf mill-alkoħol. Hemm ikun hemm is-servizz ta' tobba u *nurses* biex isegwu anke s-sintomi ta' l-astinenza mill-alkoħol. "

"Wara dawk il-ħamsa sitt ijiem Dar l-Impenn jiġi Dar Żerniq. L-ewwel 31 ġurnata f'Dar Żerniq huma *fully residential*. Il-persuna jkollha żjara mill-membri tal-familja iżda ma tkunx tista' toħroġ. Il-klijent jibda jirkupra saħħtu, jiekol aktar regolari u jaħdem fuq il-problema."

"Bil-mod il-mod nibda nagħti l-*leave* lill-klijenti. Nibgħathom għal erba', ħames sigħat id-dar. Bil-mod il-mod inkunu qed immexxu lill-persuna biex tibqa' 'l bogħod mix-xorb mhux biss meta tkun Dar Żerniq, u 'l bogħod minn kull tentazzjoni iżda wkoll meta tkun fl-ambjent regolari tagħha. "

Id-differenza bejn droga u alkoħol hi li l-alkoħol hu legali u ssibu kullimkien. Biex iżżomm 'il bogħod minnu hu aktar diffiċli għax hu aktar aċċessibbli. L-iskop tal-professjonisti li jaħdmu Dar Żerniq hu propju li l-persuna trabbi aktar stamina biex tegħleb il-kilba għax-xorb u tagħmel kemm jista[1] jkun ħin mingħajr xorb.

"Aktar ma ttawwal dan iż-żmien aktar il-persuna tibda tintebaħ dwar l-aspetti li trid taħdem fuqhom u dawk ta[1] madwarha jkollhom ukoll l-opportunità li jerġgħu jibdew japprezzaw ċerti aspetti pożittivi fiha. Fil-programm hemm ukoll involuta għajnuna psikjatrika u psikoloġika li huma offruti min-naħa tas-*Psychological Services* ta' l-Aġenzija sedqa, dejjem jekk ikun il-bżonn. "
Richard kompla jispjegali kif il-familja tqum fuq saqajha u terġa' takkwista enerġija sħiħa fil-perjodu li l-persuna bi problema ta' l-alkoħol tkun Dar Żerniq. "Il-familja tibda tieħu ħsieb tagħha nfisha u l-attenzjoni issa ma tkunx biss fuq il-persuna bil-problema biss. Kif naraw li l-klijent qed jerġa' jibda jintegra ruħhu mal-familja tibda l-fażi tax-xogħol. " Il-klijent jibda jmur ix-xogħol filgħodu u filgħaxija jmur jorqod Dar Żerniq. Lura wara ġurnata xogħol ikollu l-opportunità li jiddiskuti l-ġurnata xogħol tiegħu, kif qed iħossu u kif irrelata ma' sħabu. "Aħna nagħmlu kuntatt ma' l-ETC biex fejn ikun il-każ inħajru lill-klijenti tagħna biex jitħarrġu f'xi settur jew ieħor biex jintegraw aħjar fid-dinja tax-xogħol. Hawn jagħmlu ħbieb ġodda u jieħdu s-sodisfazzjon li jitgħallmu affarijiet ġodda. " Wara sitt xhur f'Dar Żerniq il-klijent ikun diġa jmur għax-xogħol, jorqod id-dar għal erbat ijiem u l-kumplament tal-ġranet jorqod Dar Żerniq wara x-xogħol.

"L-iskop ta' din l-istruttura hu li mhux jissaħħaħ hawn Dar Żerniq iżda li jissaħħaħ fuq barra. Dar Żerniq tiġi biex int tirriġenera. Tiġi biex inti ssib fejn qed teħel u tingħata għajnuna biex tibqa' miexi 'l quddiem. "

Bil-mod il-mod il-jiem li fihom il-klijent jorqod Dar Żerniq jibdew jonqsu sa ma l-aħħar tliet xhur il-klijent ikun qed jiġi biss jumejn. Għalhekk ma jissejjaħx sena programm iżda sena ta' ri-integrazzjoni biex il-persuna tkun tista[1] terġa' tintegra ruħha fis-soċjetà. Wara li tgħaddi s-sena, Richard stess jerġa' jgħaddi l-każ għall-istess *care worker* li inizjalment ikun irreferih qabel biex ikun hemm kontinwazzjoni.

"Ikun hemm gruppi filgħodu u oħrajn filgħaxija biex jakkomodaw l-esiġenzi ta' kulħadd. Is-servizz jipprovdi wkoll programm ta' matul il-jum. Persuna tiġi matul il-ġurnata u filgħaxija toqgħod id-dar. Iżda aħna dejjem nimxu skond l-*assessment* inizjali u *assessment* hu wieħed kontinwu. "

"Il-programm nifluh kontinwament u,jekk ikun hemm bżonn, inbiddlu Ftit ilu żidna sessjonijiet ta' spiirtwalita mmibnija fuq it-12 step programme li ilu għaxriet tas-snin jgħin

lil min għandu problemi bix-xorb. . Il-programm hu vjaġġ li fih wieħed jikber internament. Mill-aħħar riċerki li kont qed nagħmel skoprejt aktar kemm hu importanti li wieħed ifittex fil-fond tiegħu nnifsu biex isib raġuni għal xiex irid jaqta' l-vizzju u jirranġa ħajtu. Jekk wieħed isib dan l-iskop, jara li r-relazzjoni mal-mara u mat-tfal qed titjieb, fuq ix-xogħol sejjer aħjar u qed jerġa' jsib postu fis-soċjetà allura l-possibbiltà ta' fejqan hu akbar. Issa jkun jonqos biss li jwarrab il-flixkun li għalih ikun sar ħabib indispensabbli u jsib ħbieb ġodda bħalma jagħmel fil-programm f'Dar Żerniq. Hawn iħossu komdu. Jgħix f'komunità u jsib sens f'ħajtu. Sens li jkun żviluppa f'Dar Żerniq iżda jkompli jissaħħaħ fuq barra bis-saħħa ta' għajnuna professjonali.

F'Dar Żerniq huma r-residenti stess li jmexxu l-post b'sistema li kulħadd jitgħallem minn kulħadd. Persuna li kapaċi ssajjar iżżomm magħha persuna oħra li m'hix kapaċi biex hi wkoll titgħallem, imbagħad tieħu *over* fil-kċina. Persuna li kapaċi fl-arti tgħallem lil ħaddieħor. B'dan il-mod il-klijenti minn Dar Żerniq joħorġu aktar preparati biex jaffrontaw id-dinja ta' barra. Intant Kien wasal ħin l-ikel u sibt il-mejda armata lesta u platt minestra bnina jistennieni. Richard spjegali kif il-klijenti jkunu mħeġġa jieklu ikel ġenwin u sustanzjuż biex jgħinhom jiksbu lura saħħithom. Wara li żbarazzajna l-imwejjed komplejt indur il-post u sellimt lil kulħadd. Kif insib ftit tal-ħin li jkun komdu anke għal Dar Żerniq immur niltaqa' mar-residenti nisa tad-Dar li jridu jagħtuni ftit pariri siewja dwar it-*tapestry* forsi xi darba nlestiha.

L-ambjent li jilqgħek jagħmel dan il-post speċjali. Mhux ta' b'xejn li jismu Dar Żerniq ix-xemx tassew terġa' tibda titla' mill-ġdid fil-ħajja ta' dawk li jagħmlu l-ewwel pass u jagħmlu telefonata fuq Supportline 179 u jgħidu li huma jew xi ħadd qribhom għandu l-problema tax-xorb. Minn hemm tibda t-triq biex il-ħajja terġa' żżernaq.

Sedqa toffri programmi ta' prevenzjoni u servizzi ta' kura għal persuni li jkollhom problema ta' abbuż ta' sustanzi u/jew logħob ta' l-ażżard, u lill-familjari tagħhom. Għal aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija u s-servizzi tagħha, żur is-sit www.sedqa.gov.mt jew inkella ċempel fuq 2144 1014 jew fuq Supportline 179.

Aġenzija sedqa tifforma parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u tinkorpora wkoll Aġenzija APPOĠĠ www.appogg.gov.mt u Aġenzija SAPPORT www.sapport.gov.mt.